# Indikazzjoni tar-rieda tal-Maltin li jużaw l-euro diġitali

**Alexander Demarco**

**Aġent Gvernatur**

Il-Bank Ċentrali ta' Malta kkummissjona stħarriġ fost il-familji Maltin biex jikseb informazzjoni dwar l-għarfien tagħhom dwar l-euro diġitali ppjanat, u jekk ikunux lesti li jagħmlu użu minnu. L-istħarriġ sar f'Novembru 2024 fost 1178 persuna li għandhom 16-il sena jew aktar.

Fil-qosor, l-istħarriġ juri li għalkemm il-biċċa l-kbira tal-Maltin ftit li xejn għandhom għarfien dwar l-euro diġitali, madankollu hemm ir-rieda li jintuża.

L-istħarriġ jiżvela li madwar 85% ta' dawk li wieġbu m'għandhom l-ebda għarfien dwar l-euro diġitali ppjanat. Dan il-persentaġġ ta' għarfien ma jvarjax b'mod sinifikanti fost gruppi ta' etajiet differenti, bl-irġiel ikunu kemxejn infurmati aħjar min-nisa, filwaqt li Għawdex irreġistra l-inqas għarfien.

Madankollu, nofs dawk li wieġbu jemmnu li jkun ta' benefiċċju li jkun hemm l-euro diġitali flimkien mal-karti tal-flus u l-muniti, filwaqt li kważi terz ma raw l-ebda benefiċċju. Ir-rispons ivarja fost etajiet differenti fejn dawk li jemmnu li huwa ta' benefiċċju jonqos mal-età, filwaqt li dawk li ma jarawhx ta' benefiċċju jiżdiedu mal-età. Ma ġiet osservata l-ebda differenza sinifikanti fit-tweġibiet bejn l-irġiel u n-nisa, jew bejn id-distretti kollha.

B'mod aktar sinifikanti, kważi tliet kwarti ta' dawk li raw benefiċċji mill-użu tal-euro diġitali u dawk li wieġbu li ma kinux jafu jekk l-euro diġitali jkunx ta' benefiċċju huma lesti li jużaw l-euro diġitali, bi ftit saħansitra jindikaw li ser jużawh bħala l-uniku mezz ta' pagament. Dan jammonta għal madwar nofs il-kampjun kollu. Dan l-ammont, li jonqos skont l-età, ma juri l-ebda differenza sinifikanti fit-tweġibiet bejn l-irġiel u n-nisa. Id-distrett tan-Nofsinhar tal-Lvant kien l-inqas suxxettibbli li jagħmel il-bidla għall-euro diġitali, u tan-Nofsinhar tal-Port l-aktar lest li jagħmel dan.

Meta ġew mistoqsija għaliex jagħmlu t-tali bidla għall-euro diġitali, madwar 70% jaħsbu li l-euro diġitali jiffaċilita l-pagamenti fil-ħwienet, online, u bejn in-nies, bit-tieni l-aktar rispons popolari jkun li l-euro diġitali jkun aktar sigur kontra t-telf u l-frodi mill-flus kontanti. It-tweġibiet kienu konsistenti bejn il-gruppi ta' età, is-sess, u d-distrett.

Sadanittant, kważi 70% ta' dawk li mhumiex lesti jużaw l-euro diġitali għadhom jippreferu l-użu tal-flus kontanti, fejn tali tweġibiet jiżdiedu skont l-età ta' dawk li wieġbu, mingħajr differenzi sinifikanti fost l-irġiel u n-nisa, jew bejn id-distretti. Madwar 28% ta' dawk li ma ridux jużaw l-euro diġitali indikaw li jippreferu kards tal-banek kummerċjali, għalkemm tweġibiet bħal dawn jonqsu mal-età ta' dawk li wieġbu. 9% biss ta' dawk li ma ridux jużaw l-euro diġitali indikaw li dan kien minħabba tħassib dwar il-privatezza.

Fl-aħħar nett, meta r-rispondenti ġew mistoqsija liema karatteristiċi tal-euro diġitali ppjanat kienu l-aktar importanti għalihom, kważi nofshom qiesu li l-euro diġitali joffri aktar privatezza mill-għażliet ta' pagamenti diġitali tal-banek kummerċjali, filwaqt li t-tieni l-aktar attribut importanti, b'punteġġ ta' kważi 40% kien li jiffunzjona offline. Ftit aktar minn 20% indikaw li l-euro diġitali kien importanti għalihom minħabba li huwa mezz ta' ħlas Ewropew maħruġ mill-

Bank Ċentrali Ewropew. Il-karatteristika tal-privatezza kienet l-aktar importanti għal dawk li għandhom aktar minn 55 sena u dawk li ġejjin minn Għawdex, filwaqt li l-importanza tal-funzjonalità offline tonqos bl-età. Ma setgħet tiġi identifikata l-ebda differenza fit-tweġibiet bejn l-irġiel u n-nisa.

Il-konklużjonijiet minn dan l-istħarriġ huma li hemm ħtieġa qawwija li jiżdied l-għarfien dwar l-euro diġitali u l-karatteristiċi tiegħu fost il-pubbliku, b'dawk li għandhom inqas minn 55 sena aktar inklinati li jużaw il-midja soċjali, filwaqt li dawk li għandhom aktar minn 55 sena huma aktar komdi li jiksbu informazzjoni minn programmi televiżivi.

Għalkemm il-proċess ta' konsultazzjoni dwar il-proposta leġiżlattiva tal-euro diġitali għadu għaddej fil-livell Ewropew, u għalhekk id-disinn finali tal-euro diġitali jista' jvarja f'xi aspetti mill-proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni Ewropea ppubblikata f'Ġunju 2023, madankollu hemm lok biex jiżdied aktar l-għarfien dwar il-benefiċċji ta' euro diġitali minħabba li hemm ir-rieda tal-Maltin li jużawh.

Hemm benefiċċji ċari mill-euro diġitali għall-pubbliku, għan-negozji, għall-banek lokali u għal dawk li jipprovdu servizzi ta' pagament, kif ukoll għal Malta u għaż-żona tal-euro biex tissaħħaħ l-awtonomija strateġika tagħhom, speċjalment fi żminijiet ta' frammentazzjoni akbar fil-kummerċ globali u dik ġeopolitika. Fix-xhur li ġejjin, il-Bank Ċentrali ta' Malta ser ikun qed iżid l-isforzi tiegħu biex iżid dan l-għarfien.

L-istħarriġ jista' jigi aċċessat hawn: https://www.centralbankmalta.org/site/Payment-Systems/Digital-Euro-Survey-Report.pdf

| | **Iva** | **Le** | **Ma nafx** | |
|---|---|---|---|---|
| **Taħseb li jkun ta' benefiċċju li jkun hemm euro diġitali, maħruġ mill-Bank Ċentrali Ewropew, bħala strument ieħor ta' ħlas, flimkien mal-karti tal-flus u l-muniti?** | **50.2%** | **32.5%** | **17.3%** | |
| | | | | |
| **Minn fost dawk li wieġbu "Iva" jew "Ma nafx" (50.2% + 17.3%)** | **Iva, bħala l-unika mezz ta' ħlas** | **Iva, flimkien ma' mezzi oħra ta' ħlas** | **Le** | **Ma nafx** |
| **Tkun lest li tuża l-euro diġitali bħala mezz ta' ħlas minflok kards tal-kreditu jew debitu tal-banek kummerċjali, karti tal-flus u muniti?** | **7.3%** | **65.6%** | **14.3%** | **12.9%** |